Nru./No. 21,384
Prezz/Price
€1.62

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 30 ta' Jannar, 2025
Thursday, 30th January, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1005 - 1034
Government Notices ..... *1005 - 1034*

Avviżi tal-Qorti ..... 1035 - 1036
Court Notices ..... *1035 - 1036*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 162

IL-PRESIDENT TA' MALTA TERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETHA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġgħet daħlet għall-qadi tad-drittijiet tal-Kariga tagħha ta' President nhar it-Tlieta, 28 ta' Jannar, 2025.

Dott. Francis Zammit Dimech ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President.

It-30 ta' Jannar, 2025

Nru. 163

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u qiegħed nemenda d-Dikjarazzjoni maħruġa mill-Awtorità tal-Artijiet ta' xiri assolut, ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Diċembru, 2024 taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1698 fis-sens li qed tiġi limitatament emendata għall-Utile Dominju Temporanju biss.

It-30 ta' Jannar, 2025
(File No. L/0041/2024/001)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-Mellieħa:

L-Utile Dominju Temporanju tal-biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,467 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

Il-biċċa art hawn fuq imsemmija qiegħda tiġi akkwistata b'konnessjoni ma'estensjoni tat-trattament tad-drenaġġ.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata plot nru. '1' fuq il-pjanta P.D. nru. 2024_0173, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

GOVERNMENT NOTICES

No. 162

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Tuesday, 28th January, 2025.

Dr Francis Zammit Dimech has ceased to perform the function of President.

30th January, 2025

No. 163

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and I am amending the Declaration issued by the Lands Authority of an absolute purchase, published in the Government Gazette of the 2nd December, 2024 under Government Notice No. 1698 in the sense that it is being limitly amended for a Temporary Utile Dominium only.

30th January, 2025

Description of the Land

The following land at Mellieħa:

The Temporary Utile Dominium of a plot of land measuring about 1,467 square metres, bounded on the North, on the South and on the East by Government property or more precise boundaries.

The abovementioned plot of land is being acquired in connection with the extension of drainage treatment.

The plot of land is shown delineated with the colour red and marked as plot no. '1' on plan P.D. no. 2024_0173, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għall-Utile Dominju Temporanju tal-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' mija u ħamest elef, tmien mija u disgħa u disgħin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€105,899.36) skont l-istima li saret mill-Perit Anthony Robinson, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Is-6 ta' Jannar, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 1007.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni tal-Utile Dominju Temporanju ta' biċċa art f'Ta' Ċumnija Sewage Water Treatment, fil-Mellieħa, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur tal-Utile Dominju Temporanju tal-proprjetà hawn taħt deskritta f'Ta' Ċumnija Sewage Water Treatment, fil-Mellieħa, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,467 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri, hija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot nru. '1' fuq il-pjanta P.D. nru. 2024_0173. Il-kumpens offrut għall-Utile Dominju Temporanju tal-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' mija u ħamest elef, tmien mija u disgħa u disgħin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€105,899.36).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fl-20 ta' Ġunju, 2024. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Anthony Robinson

Is-6 ta' Jannar, 2025

The compensation offered for the Temporary Utile Dominium of the above mentioned plot of land is one hundred and five thousand, eight hundred and ninety nine Euros and thirty six cents (€105,899.36) according to the valuation made by Architect Anthony Robinson, an extract of which is being attached with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

6th January, 2025

This site plan is being published on page 1007.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a portion of the Temporary Utile Dominium of a plot of land at Ta' Ċumnija Sewage Water Treatment, in Mellieħa, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am determining the value of the Temporary Utile Dominium of the property mentioned below at Ta' Ċumnija Sewage Water Treatment, in Mellieħa which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 1,467 square metres, bounded on the North, on the South and on the East by Government property or more precise boundaries, is delineated with the colour red and marked as plot no. '1' on plan P.D. no. 2024_0173. The compensation offered for the Temporary Utile Dominium of the above mentioned plot of land is one hundred and five thousand, eight hundred and ninety nine Euros and thirty six cents (€105,899.36).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 20th June, 2024. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Anthony Robinson

6th January, 2025

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **342995 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 40481** **y = 80815**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **4080**	Data: *Date:* **21/03/2024**

Perit: *Architect:*

Anne Marie Grech
Senior Professional Officer
Architect and Civil Engineer
Lands Authority

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 1,467m² circa

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 285436 Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 164

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u qiegħed nemenda d-Dikjarazzjoni maħruġa mill-Awtorità tal-Artijiet ta' xiri assolut, ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Diċembru, 2024 taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1699 fis-sens li qed tiġi limitatament emendata għall-Utile Dominju Temporanju biss.

It-30 ta' Jannar, 2025

(File No. L/0041/2024/002)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-Mellieħa:

L-Utile Dominju Temporanju tal-biċċa art tal-kejl ta' madwar madwar 1,036 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

Il-biċċa art hawn fuq imsemmija qiegħda tiġi akkwistata b'konnessjoni ma'estensjoni tat-trattament tad-drenaġġ.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot nru. '2' fuq il-pjanta P.D. nru. 2024_0173, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għall-Utile Dominju Temporanju tal-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' erbgħa u sebgħin elf, sitt mija u tmienja u erbgħin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€74,648.55) skont l-istima li saret mill-Perit Anthony Robinson, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 164

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and I am amending the Declaration issued by the Lands Authority of an absolute purchase, published in the Government Gazette of the 2nd December, 2024 under Government Notice No. 1699 in the sense that it is being limitly amended for a Temporary Utile Dominium only.

30th January, 2025

Description of the Land

The following land at Mellieħa:

The Temporary Utile Dominium of a plot of land measuring about 1,036 square metres, bounded on the North, on the South and on the East by Government property or more precise boundaries.

The abovementioned plot of land is being acquired in connection with the extension of drainage treatment.

The plot of land is shown delineated with the colour red and marked as plot no. '2' on plan P.D. no. 2024_0173, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the Temporary Utile Dominium of the above mentioned plot of land is seventy four thousand, six hundred and forty eight Euros and fifty five cents (€74,648.55) according to the valuation made by Architect Anthony Robinson, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Is-6 ta' Jannar, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 1010.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni tal-Utile Dominju Temporanju ta' biċċa art f'Ta' Ċumnija Sewage Water Treatment, fil-Mellieħa, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur tal-Utile Dominju Temporanju tal-proprjetà hawn taħt deskritta f'Ta' Ċumnija Sewage Water Treatment, fil-Mellieħa, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,036 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri, hija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot nru. '2' fuq il-pjanta P.D. nru. 2024_0173. Il-kumpens offrut għall-Utile Dominju Temporanju tal-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' erbgħa u sebgħin elf, sitt mija u tmienja u erbgħin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€74,648.55).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fl-20 ta' Ġunju, 2024. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Anthony Robinson

Is-6 ta' Jannar, 2025

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

6th January, 2025

This site plan is being published on page 1010.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a portion of the Temporary Utile Dominium of a plot of land at Ta' Ċumnija Sewage Water Treatment, in Mellieħa, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am determining the value of the Temporary Utile Dominium of the property mentioned below at Ta' Ċumnija Sewage Water Treatment, in Mellieħa which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 1,036 square metres, bounded on the North, on the South and on the East by Government property or more precise boundaries, is delineated with the colour red and marked asplot no. '2' on plan P.D. no. 2024_0173. The compensation offered for the Temporary Utile Dominium of the above mentioned plot of land is seventy four thousand, six hundred and forty eight Euros and fifty five cents (€74,648.55).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 20th June, 2024. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Anthony Robinson

6th January, 2025

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **342996 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 40502 y = 80816**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **4080**	Data: *Date:* **21/03/2024**

Perit: *Architect:* Anne Marie Grech, Senior Professional Officer, Architect and Civil Engineer, Lands Authority

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 1,036m² circa

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 285437 Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 165

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'titolu ta' pussess u użu għall-perjodu ta' sena li jibda jgħodd mill-bidu tax-xogħlijiet.

It-30 ta' Jannar, 2025

(File No. L/448/2019/8)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fis-Siġġiewi:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 497 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Grigal u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija fi Triq Ta' Bur il-Kbir fis-Siġġiewi qiegħda tiġi akkwistata b'konnessjoni ma' formazzjoni ta' triq.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur ikħal u mmarkata bħala plot nru. '8' fuq il-pjanta P.D. nru. 2020_0100E, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kera tal-akkwist għall-perjodu ta' sena għall-biċċa art hawn fuq imsemmija hija ta' mitejn u erbgħa u tmenin Ewro u erba' ċenteżmu (€284.04), skont l-istima li saret mill-Perit Arielle Agius, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 165

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands and that its acquisition thereof is to be by possession and use for a period of one years from the commencement of works.

30th January, 2025

Description of the Land

The following land at Siġġiewi:

A plot of land measuring about 497 square metres, bounded on the North, on the North East and South by property of unknown owners or more precise boundaries.

The abovementioned land at Triq Ta' Bur il-Kbir in Siġġiewi is being acquired in connection with the formation of a road.

The plot of land is shown delineated with the colour blue and marked as plot no. '8' on plan P.D. no. 2020_0100E, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The acquistion rent for a period of one year for the above mentioned plot of land is two hundred and eighty four Euros and four cents (€284.04), according to the valuation made by Architect Arielle Agius, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-8 ta' Jannar, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 1013.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' porzjon art fi Triq Ta' Bur il-Kbir, fis-Siġġiewi, li se tiġi akkwistata b'titolu ta' Pussess u Użu għall-perjodu ta' sena, meħtieġa mill-Gvern għal Skop Pubbliku.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-kera tal-akkwist għall-perjodu ta' sena tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq Ta' Bur il-Kbir, fis-Siġġiewi li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 497 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Grigal u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur ikħal u mmarkata bħala plot nru. '8' fuq il-pjanta P.D. nru. 2020_0100E. Il-kera tal-akkwist għall-perjodu ta' sena għall-biċċa art hawn fuq imsemmija hija ta' mitejn u erbgħa u tmenin Ewro u erba' ċenteżmi (€284.04).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fit-22 ta' Awwissu, 2022. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Arielle Agius

It-8 ta' Jannar, 2025

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

8th January, 2025

This site plan is being published on page 1013.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a plot of land in Triq Ta' Bur il-Kbir, at Siġġiewi, which is being acquired by title of Possession and Use for a period of one year, required by Government for a Public Purpose.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am determining the acquistion rent for a period of one year of the property mentioned below in Triq Ta' Bur il-Kbir, at Siġġiewi which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 497 square metres, bounded on the North, on the North East and South by property of unknown owners or more precise boundaries, is shown delineated with the colour blue and marked as plot no. '8' on plan P.D. no. 2020_0100E. The acquistion rent for a period of one year for the above mentioned plot of land is two hundred and eighty four Euros and four cents (€284.04).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 22nd August, 2022. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Arielle Agius

8th January, 2025

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* 376875 M	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* x = 48116, y = 68321	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* 4868	Data: *Date:* 26/12/2024

Perit: *Architect:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 497m² (CIRCA)

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 350624

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 166

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u qiegħed nemenda l-kejl ta' plot nru. '1' tad-Dikjarazzjoni maħruġa mill-Awtorità tal-Artijiet ta' xiri assolut, ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Diċembru, 2024 taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1701 fis-sens li d-deskrizzjoni tal-art għandha tiġi sostitwita bis-segwenti.

It-30 ta' Jannar, 2025
(File No. L/255/2017/0002)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fir-Rabat, Malta:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 700 metru kwadru, li tmiss min-Nofsinhar u mix-Xlokk ma' proprjetá tal-Gvern u mit-Tramuntana ma' proprjetá ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 421 metru kwadru, li tmiss min-Nofsinhar u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

Il-biċċtejn art hawn fuq imsemmija qegħdin jiġu akkwistati b'konnessjoni ma' twessiegħ ta' triq u mal-proġett tal-Belvedere fi Triq l-Għexieren.

Il-biċċtejn art jidhru murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkati bħala plots nri. '1' u '2' fuq il-pjanta P.D. nru. 2018_0183C, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għall-biċċtejn art hawn fuq imsemmija huwa ta' ħamsa u erbgħin elf u ħames mitt Ewro (€45,500) għall-plot nru. 1 u sebgħa u għoxrin elf, tliet mija u ħamsa u sittin Ewro (€27,365) għall-plot nru. 2, skont l-istima li saret mill-Perit Leonard Zammit, li estratt tagħhom qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 166

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and I am amending the measurement of plot no. '1' of the Declaration issued by the Lands Authority of an absolute purchase, published in the Government Gazette of the 2nd December, 2024 under Government Notice No. 1701 in the sense that the description of the land is to be substituted with the following.

30th January, 2025

Description of the Land

The following land at Rabat, Malta:

A plot of land measuring about 700 square metres, bounded on the South and South East by Government property and on the North by property of unknown owners or more precise boundaries.

A plot of land measuring about 421 square metres, bounded on the South and South East by Government property and on the North by property of unknown owners or more precise boundaries.

The two abovementioned plots of land are being acquired in connection with the widening of a road and with the Belvedere project in Triq l-Għexieren.

The two plots of land are shown delineated with the colour red and marked as plot nos. '1' and '2' on plan P.D. no. 2018_0183C, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the two abovementioned plots of land is forty five thousand and five hundred Euros (€45,500) for plot no. 1 and twenty seven thousand, three hundred and sixty five Euros (€27,365) for plot no. 2, according to the valuation made by Architect Leonard Zammit, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Is-6 ta' Jannar, 2025

Dawn is-*site plans* qed jiġu ppubblikati f'paġni 1016, 1017 u 1018.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' biċċtejn art fi Triq Għexieren, fir-Rabat, Malta, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq Għexieren, fir-Rabat, Malta li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art fir-Rabat, tal-kejl ta' madwar 700 metru kwadru, li tmiss min-Nofsinhar u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot nru. '1' fuq il-pjanta P.D. nru. 2018_0183C, u stmata għall-valur ta' ħamsa u erbgħin elf u ħames mitt Ewro (€45,500).

Biċċa art fir-Rabat, tal-kejl ta' madwar 421 metru kwadru, li tmiss min-Nofsinhar u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot nru. '2' fuq il-pjanta P.D. nru. 2018_0183C, u stmata għall-valur ta' sebgħa u għoxrin elf, tliet mija u ħamsa u sittin Ewro (€27,365).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fid-29 ta' Novembru, 2023. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Leonard Zammit

Is-6 ta' Jannar, 2025

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

6th January, 2025

These site plans are being published on pages 1016, 1017 and 1018.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of two plots of land in Triq Għexieren, at Rabat, Malta, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am determining the freehold and unencumbered value of the property mentioned below in Triq Għexieren, at Rabat, Malta which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land at Rabat measuring about 700 square metres, bounded on the South and South East by Government property and on the North by property of unknown owners or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red and marked as plot no. '1' on plan P.D. no. 2018_0183C, and valued for forty five thousand and five hundred Euros (€45,500).

A plot of land at Rabat measuring about 421 square metres, bounded on the South and South East by Government property and on the North by property of unknown owners or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red and marked as plot no. '2' on plan P.D. no. 2018_0183C, and valued for twenty seven thousand, three hundred and sixty five Euros (€27,365).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 29th November, 2023. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.


(Sgd) Architect Leonard Zammit

6th January, 2025

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only





Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: **369427 M** *Map Number:*	Pożizzjoni Ċentrali: **x = 45583** *Centre Coordinates:* **y = 71554**	Parti min S.S.: **4471** *Extracted from S.S.:*	Data: **23/10/2024** *Date:*

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 412 m² (circa)


Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*


LR 350488

Dritt imħallas *Fee Paid*

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only





Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* 369429 M	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* x = 45673 y = 71535	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* 4471	Data: *Date:* 23/10/2024

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 288 m² (CIRCA)

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 350489

Dritt imħallas *Fee Paid*


Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* 369406 M	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* x = 45780 y = 71578	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* 4471	Data: *Date:* 23/10/2024

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 421 m² (CIRCA)

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 350486

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 167

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

It-30 ta' Jannar, 2025

(File No. L/0058/2021)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Marsaskala:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 32.5 metri kwadri, li tmiss mill-Punent, min-Nofsinhar u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Awtorità tal-Artijiet jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija fi Triq is-Sikka, Marsaskala, qiegħda tiġi akkwistata b'konnessjoni ma' proġett tal-Awtorità ta-Djar.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2021_0044_1, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' seba' u għoxrin elf u wieħed u disgħin Ewro (€27,091), skont l-istima li saret mill-Perit Alex Cutajar, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 167

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

30th January, 2025

Description of the Land

The following land at Marsaskala:

A plot of land measuring about 32.5 square metres, bounded on the West, on the South and on the SouthWest by property of the Lands Authority or more precise boundaries.

The abovementioned land in Triq is-Sikka, Marsaskala,, is being acquired in connection with a project of the Housing Authority.

The land is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2021_0044_1, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is twenty seven and ninety one Euros (€27,091), according to the valuation made by Architect Hermann Bonnici, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-8 ta' Jannar, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 1021.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' biċċa art fi Triq is-Sikka, f'Marsaskala, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq is-Sikka, f'Marsaskala, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 32.5 metri kwadri, li tmiss mill-Punent, min-Nofsinhar u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Awtorità tal-Artijiet jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2021_0044_1, u stmata għall-valur ta' seba' u għoxrin elf u wieħed u disgħin Ewro (€27,091).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fis-17 ta' Jannar, 2024. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Alex Cutajar, A&CE

Is-7 ta' Jannar, 2025

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

8th January, 2025

This site plan is being published on page 1021.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a portion of land in Triq is-Sikka, at Marsaskala, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am determining the freehold and unencumbered value of the property mentioned below in Triq is-Sikka, at Marsaskala, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 32.5 square metres, bounded on the West, on the South and on the SouthWest by property of the Lands Authority or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2021_0044_1, and valued for twenty seven and ninety one Euros (€27,091).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 17th January, 2024. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Alex Cutajar, A&CE

7th January, 2025

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:250

0 5 10 15 20 25m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **299873 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 61194** **y = 68507**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **6068**	Data: *Date:* **05/04/2023**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit John Schembri
Estate Management Consultant

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* Circa: 32.5 m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 284683 Dritt imhallas *Fee Paid*

Nru. 168

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tat-22 ta' Ġunju, 1973, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Illum Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

It-30 ta' Jannar, 2025
(File No. L/0397/1972/0002 - Plot 2)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Bormla:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,526.47 metri kwadri li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Grigal parti ma' proprjetà tal-Gvern miżmuma b'emfitewsi temporanja mis-Sur Emmanuele Barbara u parti ma' proprjetà ta' sidien inċerti u min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-Sur Joseph Gauci jew irjieħ verjuri.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot numru '2' fuq il-pjanta L.D. nru. 277/72, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija a bażi tal-Artikolu 44 u 64 tal-Kapitolu 573 huwa ta' tmienja u ħamsin elf, seba' mija u disgħa u sebgħin Ewro (€58,779), skont l-istima li saret mill-Perit Arkitett Edward Micallef, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 168

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the Governor General of the 22nd June, 1973, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and that its acquisition thereof should have been by absolute purchase.

I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

30th January, 2025

Description of the Land

The following land in Bormla:

A plot of land measuring about 1,526.47 square metres bounded on the North West by Government property, on the North East partly by Government property kept in temporary emphyteusis by Mr Emmanuele Barbara and partly by property of uncertain owners and on the South by property of Mr Joseph Gauci or more precise boundaries.

The plot of land is shown is shown delineated with the colour red and marked as plot number '2' on plan L.D. no. 277/72, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned plot of land in terms of Article 44 and 64 of Chapter 573 is fifty eight thousand, seven hundred and seventy nine Euros (€58,779), according to the valuation made by Architect Edward Micallef, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-8 ta' Jannar, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 1024.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni tal-plot numru '2' bejn St John's Bastion u St Paul Bastion, f'Bormla, meħtieġ għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

